# It-Tielet Ħadd tal-Avvent

## Qari I

*Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.*

Is 61, 1-2a.10-11

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,
għax il-Mulej ikkonsagrani,
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
bagħatni ndewwi l-qalb miksura;
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;
2 biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej.

10 Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarus imżejjen b'kuruna,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.
11 Bħalma l-art tnibbet,
bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih,
hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija,
quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Lq 1,46-48.49-50.53-54

R/. (Is 61, 10b): Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi

46 Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
47 u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
48 għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja. R/.

49 Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
50 Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu. R/.

53 Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
54 Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu. R/.

# Qari II

***Sħaħ bla mittiefsa, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu.***

1 Tess 5, 16-24

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin**

Ħuti, [16]ifirħu dejjem, [17]itolbu bla heda, [18]iżżu ħajr lil Alla f'kollox.
Dan hu li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesù.

[19]Ixxekklux l-Ispirtu, [20]tmaqdrux il-profezija. [21]Ippruvaw kollox:
it-tajjeb żommuh, [22]u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta' ħażen.

[23]U Alla tas-sliem iqaddiskom f'kollox, u jżommkom sħaħ bla
mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu.
[24]Fidil hu Alla li sejħilkom, u huwa jagħmel dan.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Is 61, 1

Hallelujah. R/. Hallelujah
L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi:
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*F'nofskom hemm dak li intom ma tafuhx.*

Ġw 1, 6-8.19-28

## Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

[6]Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. [7]Dan ġie bħala
xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. [8]Ġwanni ma
kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl.

[19]Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din, meta l-Lhud ta' Ġerusalemm
bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh: «Int min int?»
[20]Hu stqarr bla ma ċaħad: «Jien m'iniex il-Messija.» [21]Huma reġgħu
staqsewh: «Mela min int? Elija?» «M'iniex,» qalilhom. «Int
il-Profeta?» «Le,» weġibhom. [22]Imbagħad qalulu: «Mela min int? Biex
nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?» [23]U hu wieġeb
kif qal il-profeta Isaija: «Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert:
Wittu t-triq tal-Mulej.»

[24]Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej. [25]Huma
staqsewh: «Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la
Elija u lanqas il-Profeta?» [26]«Jiena ngħammed bl-ilma,» weġibhom
Ġwanni, «imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx, [27]u li
ġej warajja; jien anqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu.»

[28]Dan ġara f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn Ġwanni kien
jgħammed.

**Il-Kelma ta-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu